

32003R1329

L 187/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.7.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 1329/2003**  
**tal-21 ta' Lulju 2003**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 992/95 fir-rigward ta' kwoti ta' tariffi għal ġerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarmen l-Artikolu 133 miġjub fih,

Wara li kkonsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 ta' l-10 ta' April 1995 li jiftaħ u jipprovdha għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi tal-Komunità għal ġerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja (¹), kwoti tat-tariffi tal-Komunità ġew miftuħa għal ġerti prodotti agrikoli u tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja. Dawn il-kwoti kien mogħtija permezz t-ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja konkuż fl-14 ta' Mejju 1973 (²).
- (2) Bi ftehim fil-għamla ta' Skambju u Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/465/KE (³), iż-żewġ partijiet kienu qablu dwar konċessjoni bilaterali addizzjonali fil-kummer li jikkonċerna l-prodotti agrikoli. Bis-sahħha ta' dak il-ftehim, il-Komunità kienet intrabtet li tiftaħ, ta' kull sena u suġġett għal ġerti kondizzjonijiet, kwoti ta' tariffi annwali f'dażju zero għal numru ta' prodotti li joriġinaw fin-Norveġja.
- (3) Il-kwoti ta' tariffi f'dan il-każ għandhom għalhekk ikunu miftuħa mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Għall-ewwel sena kalendarja ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-volum sħiħ annwali għandu jkun imnaqqas fi proporzjon tal-parti tal-perjodu tal-kwota li jkun skada qabel il-ftuħ tal-kwoti.
- (4) Il-volum tal-kwoti ta' tariffi taħt in-numri ta' l-ordni 09.0785 u 09.0786 għandu jkun ikkonvertit feuro. L-ammont ta' euro għandu jkun stabbilit b'konformità ma l-Artikolu 18(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi

(¹) ĠU L 101, ta' l-4.5.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3061/95 (ĠU L 327, tat-30.12.1995, p. 1).

(²) ĠU L 171, tas-27.6.1973, p. 1.

(³) ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 48.

l-Kodiċi Doganli tal-Komunità (⁴), billi juża r-rata tal-krone Norveġiż ippubblikata fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (⁵).

- (5) Sa mill-1 ta' Jannar 204, huwa ntīz li jkunu amministrati l-kwoti tat-tariffi għal-prodotti tal-kodiċi NM 0204 fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tan-nagħaq u l-laħam tal-mogħoż (⁶). Għalhekk il-kwota ta' tariffa għal dawk il-prodotti li joriġinaw fin-Norveġja għandha tkun amministrata permezz ta' l-arrangġamenti stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 992/95 biss sat-tmien tas-sena 2003. Għall-kumplament tax-xur tas-sema 2003, disposizzjoni għandha ssir, fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti, li dokument ta' l-oriġini għandu jkun ippreżentat b'konformità mad-disposizzjonijiet stabbiliti fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 2529/2001.

- (6) Huwa għalhekk meħtieġ li jkun emendat ir-Regolament (KE) Nru 992/95 kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 992/95 huwa permezz tal-preżenti emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu li ġej jiż-died ma' l-Artikolu 1:

“4. B'dana kollu, bħala deroga mill-paragrafu 3, fir-rigward tal-prodotti tal-kodiċi NM 0204, l-importaturi għandhom jippreżentaw dokument ta' l-oriġini b'konformità mad-disposizzjonijiet stabbiliti fuq il-bażi ta' l-Artikolu 16(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2529/2001 tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam tan-nagħaq u l-laħam tal-mogħoż (⁷)."

(⁷) ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 3.”

(⁴) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000 (ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17).

(⁵) ĠU C 235, ta' l-1.10.2002, p. 1.

(⁶) ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 3.

2. L-Anness I huwa emendat bi qbil ma' l-Anness ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

1. Għall-2003, il-volum annwali tal-kwoti tat-tariffi li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament (KE) Nru 992/95 kif emendat b'konformità ma l-Anness ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu mnaqqsas bi proporzjon tal-parti tal-perijodu ta' kwota fxhxur sħaħ li jkunu skadew qabel id-data li hemm provvediment dwarha fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3. Il-figura li tirriżulta minn din il-kalkolazzjoni għandha tkun imqarrba lejn l-unità sħiħa segwenti.

2. Għal-2003. il-volum miftuħ għal kwota ta' tariffa permez tan-numru ta' l-ordni 09.0761 għandu jkun 770 tunnellati.

### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta' Lulju 2003.

B'danakollu, fir-rigward tal-prodotti tal-kodiċi NM 0204, dan ir-Regolament għandu jkun jaapplika biss sal-31 ta' Diċembru 2003.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħi u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Lulju 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

F. FRATTINI

## ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 992/95 huwa emendat kif ġej:

- Wara "Prodotti li jorġinaw fin-Norveġja" din in-nota li ġejja hija miżjudha:

"Minkejja r-regoli ta' l-interpretazzjoni tan-Nomeniklatura Magħquda, il-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti għandhom ikunu meqjusa li jkollhom mhux aktar minn valur indikattiv, l-iskema preferenċjali tkun iddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċi NM. Meta l-kodiċi ex NM huma ndikati, l-iskema preferenċjali għandha tkun iddeterminata bl-applikazzjoni tal-kodiċi NM u d-deskrizzjoni korrespondenti meħuda flimkien."

- It-tabella hija emendat kif ġej:

(a) it-titolu tar-raba' kolonna huwa mibdul bi "Ammont ta' kwoti (tunnellati sakemm ma jkunx spċifikat mod ieħor);"

(b) ir-ringieli fir-rigward tan-numri ta' l-ordni 09.0757, 09.0761 u 09.0762 huma mibdula b'dan li ġej:

"09.0757	ex 0809 20	Ċirasa, friska, mis-16 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu	900	B'xejn (3)
09.0761	ex 0810 10 00	Frawli, friski, mid-9 ta' Ćunju sal-31 ta' Lulju	900	B'xejn
09.0762	ex 0810 10 00	Frawli, friski, mill-1 ta' Awwissu sal-15 ta' Settembru	900	B'xejn

(3) It-taxxa spċifikata addizzjonali hija applikabli."

- il-punti li ġejjin huma miżjudha:

"09.0781	0204 10 00 0204 21 00 0204 22 0204 23 00 (7) 0204 30 00 0204 41 00 0204 42 0204 43 10 (8) 0204 43 90 (9) 0204 50 11 0204 50 13 0204 50 15 0204 50 19 0204 50 31 0204 50 39 (10) 0204 50 51 0204 50 53 0204 50 55 0204 50 59 0204 50 71 0204 50 79 (10)	Laħam tan-nagħaq jew tal-mogħoż, frisk, imkesah jew iffriżat	300 (11)	B'xejn
09.0782	0210	Laħam u raċanċ tal-laħam li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imqadded, iffu-migat: tqiq u smida tal-laħam jew tar-raċanċ tal-laħam	200	B'xejn
09.0783	0704 11 00	Ħass ikkabuċċjat	300	B'xejn
09.0784	0705 19 00	Ħass ieħor	300	B'xejn
09.0785	0602 90 51	Pjanti perenni	EUR 136 212	B'xejn
09.0786	0602 90 70	Pjanti ta' ġewwa: żraġen bl-għeruq u pjanti żagħżagħ. Esklużi l-cactus	EUR 544 848	B'xejn

09.0787	1601	Zalzett u prodotti simili, tal-laħam, račané tal-laħam jew tad-demmin; preparazzjonijiet ta' l-ikel ibbażati fuq dawn il-prodotti	300	B'xejn
---------	------	---	-----	--------

(<sup>7</sup>) L-ammont għat-tħejjija ta' talba huwa ddeterminat bil-multiplikazzjoni tal-piż nett tal-prodotti b'koeffiċjent ta' 1,67 (laħam tal-ħaruf) jew 1,81 (laħam tan-nagħaq apparti milli tal-ħaruf).

(<sup>8</sup>) L-ammont għat-tħejjija ta' talba huwa ddeterminat bil-multiplikazzjoni tal-piż nett tal-prodotti b'koeffiċjent ta' 1,67.

(<sup>9</sup>) L-ammont għat-tħejjija ta' talba huwa ddeterminat bil-multiplikazzjoni tal-piż nett tal-prodotti b'koeffiċjent ta' 1,81.

(<sup>10</sup>) L-ammont għat-tħejjija ta' talba huwa ddeterminat bil-multiplikazzjoni tal-piż nett tal-prodotti b'koeffiċjent ta' 1,67 (laħam tal-gidjen) jew 1,81 (laħam tal-mogħoż apparti milli tal-gidjen).

(<sup>11</sup>) Il-piż tal-karkassa."